- *KOMPETENZA TA' TRIBUNAL INDUSTRIJALI* –

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 14 ta' Marzu, 2002**

**Kawza Numru: 33**
**Citazzjoni Numru: 2641/00/RCP**

**Mario Magri**

**vs**

**HSBC Bank Malta p.l.c.**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi permezz ta' ittra datata 28 ta' Ottubru 1999, l-impjieg tal-attur minn mal-Bank konvenut gie tterminat b'effett mill-1 ta' Novembru 1999 u dana skond kif jirrizulta mill-anness

Dok. MM1, wara sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fejn l-attur instab hati ta' falsifikazzjoni. (Dok MM2).

U illi fil-Ftehim Kollettiv ezistenti li jiregola l-pattijiet u kundizzjonijiet tal-impjieg tal-attur, milhuq bejn il-Malta Union of Bank Employees u l-Mid-Med Bank (illum HSBC Bank Malta p.l.c.) hemm stabbiliti l-proceduri li ghandhom jigu segwiti biex issir terminazzjoni ta' impjieg. (Dok. MM3).

U illi l-Klawsola 28 (o) tal-Ftehim Kollettiv tipprovdi illi huwa l-Bord ta' Dixxiplina tal-Bank li ghandu jiddetermina offizi ta' natura bhal dik li l-Bank ta bhala r-raguni ghat-tkeccija mill-impjieg tal-attur, u huwva l-istess Bord ta' Dixxiplina li ghandu jiehu l-passi dixxiplinarji necessarji dwarhom.

U illi f'dan il-kaz tali proceduri ma gewx segwiti u l-attur gie mkecci sommarjament kif jirrizulta mill-imsemmija ittra tat-28 ta' Ottubru 1999 markata Dok MM1.

U illi l-esponent ressaq il-kaz ta' tkeccija ngusta tieghu quddiem it-Tribunal Industrijali skond l-Att XXX tal-1976 dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali.

U illi permezz ta' decizjoni numru 1393, moghtija fl-erbatax (14) ta' Novembru 2000 fl-ismijiet **"Mario Magri vs HSBC Bank Malta p.l.c."** it-Tribunal Industrijali ddecieda li *"it-tkeccija ma kinitx kontra l-Ligi u ma kienx il-kaz li wara*

*decizjoni tal-Qorti Kriminali jibdew il-proceduri skond il-Ftehim Kollettiv".* (Dok. MM4)

U illi din l-*award* tat-Tribunal Industrijali tmur kontra l-ligi bi ksur tal-Artiklu 32 (4) tal-Kap 266 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi illi *"It-Tribunal m'ghandux jaghti xi sentenza jew decizioni li tkun kontra xi ligi miktuba. Jew xi att iehor* (fit-test Ingliz *instrument*) *li jkollu forza ta' ligi, li jirregola l-pagi u pattijiet u kundizzjonijiet ohra ta' impjieg",* bhalma sar fil-kaz in ezami meta ma gietx osservata l-procedura stabbilita fil-klawsola 28 (o) tal-Ftehim Kollettiv fuq citat.

U illi inoltre fl-*award* imsemmija tieghu it-Tribunal Industrijali naqas li jiehu hsieb jizgura li l-gustizzja ssir skond il-meriti tas-sustanza tal-kaz, u dana skond kif jipprovdi l-Artikolu 31(3) tal-Kap. 266 tal-Ligijiet ta' Malta.

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex ghar-ragunijiet premessi din l-Onorabbli Qorti m'ghandiex:

1. Tiddikjara nulla u bla effett id-decizjoni tat-Tribunal Industrijali fuq imsemmija fl-ismijiet **"Mario Magri vs HSBC Bank Malta p.l.c."** minhabba l-fatt li t-Tribunal Industrijali naqas li jiehu hsieb jizgura li l-gustizzja ssir skond il-meriti tas-sustanza tal-kaz u minhabba l-fatt li dan l-*award* imur kontra l-ligi bi ksur tal-Artikoli 31(3) u 32 (4) tal-Kap. 266 tal-Ligijiet ta' Malta u dana ghar-ragunijiet premessi, u dan taht dawk il-provvedimenti xierqa u opportuni li joghgobha taghti din l-istess Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li hu ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 u 4 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 sa 20 tal-process;

Rat il-verbal tas-6 ta' Marzu 2001.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-bank konvenut tal-14 ta' Marzu 2001 a fol. 26 fejn gie eccepit:

Illi l-azzjoni proposta mill-attur mhijiex sostenibbli stante illi kif gie ribadit diversi drabi mill-Qrati ta' Malta, decizjonijiet tat-Tribunal Industrijali ma humiex sindakabbli mill-Qrati hlief f'cirkostanzi specifici, liema cirkostanzi ma jinkorrux fil-kaz odjern.

Salv kull eccezzjoni ohra spettanti lill-konvenuti.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-bank konvenut a fol. 27 u 28 tal-process.

Rat il-verbali tal-25 ta' April 2001 fejn il-kawza giet differita biex tinstema' minn din il-Qorti kif prezentement presjeduta, tal-4 ta' Ottubru 2001 fejn il-partijiet irrimettew ruhhom ghall-provi processwali u ddikjaraw li

m'ghandhomx provi aktar u tat-8 ta' Novembru 2001 fejn il-kawza giet trattata mid-difensuri tal-partijiet u thalliet ghas-sentenza ghat-28 ta' Frar 2002. Rat ukoll il-verbal tas-seduta tat-28 ta' Frar 2002 fejn il-kawza giet differita ghall-14 ta' Marzu 2002 peress li l-Qorti kellha bzonn aktar zmien ghall-prolazzjoni tas-sentenza.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II KONSIDERAZZJONIJIET

Illi din il-kawza titratta dwar talba ghal dikjarazzjoni ta' nullita' tad-decizjoni tat-Tribunal Industrijali fil-kaz numru 1393 fl-ismijiet **"Mario Magri vs HSBC Bank Malta p.l.c."** L-attur qed isostni li t-Tribunal Industrijali naqas li jiehu hsieb jizgura li l-gustizzja ssir skond il-meritu tas-sustanza tal-kaz u minhabba l-fatt li dan l-*award* imur kontra l-ligi bi ksur tal-**Artikoli 31(3) u 32(4) tal-Kap. 266 tal-Ligijiet ta' Malta**.

### (a) L-AZZJONI ATTRICI

Illi l-attur ippremetta li huwa kien impjegat mal-HSBC Bank Malta p.l.c. Illi fil-15 ta' Marzu, 1999 huwa nstab hati ta' falsifikazzjoni mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Konsegwentement huwa rcieva ittra datata 28 ta' Ottubru 1999 (Dok. MM1 a fol. 6 tal-

process) fejn il-Bank infurmah illi: *"Unless you show good reason in writing within two days from the date of this letter why the Bank should not summarily dismiss you and terminate your employment, you are to consider this letter as the formal letter of employment with effect from 1st November 1999".*

Huwa qed isostni li bejn il-Bank u l-Malta Union of Bank Employees jezisti ftehim kollettiv li jirregola l-pattijiet u kundizzjonijiet tal-impjieg u hemm stabbiliti l-proceduri li ghandhom jigu segwiti biex issir terminazzjoni ta' mpjieg. F'dan il-ftehim jinghad li Klawsola 28 (c) li:

*"There shall be a Disciplinary Board, consisting of a Chairman and two members which will deal with serious offences ……"*

Imbaghad fis-sub-klawsola (o) hemm lista bhala dawk l-azzjonijet li jaqghu taht il-kappa ta' *serious offences*. Fl-ahharnett jinghad li *"such disciplinary measures do not prejudice the right of legal action which the Bank and / or the individual may initiate to safeguard its / his interests".*

Illi l-attur kompla li f'dan il-kaz tali proceduri ma gewx segwiti u huwa gie mkecci sommarjament. B'hekk huwa ressaq il-kaz tieghu quddiem it-Tribunal Industrijali li ddecieda li t-tkeccija tieghu ma kinetx kontra l-ligi u ma kienx il-kaz li wara decizjoni tal-Qorti Kriminali jibdew il-proceduri skond il-ftehim kollettiv. B'hekk huwa fetah il-

kawza odjerna peress li qed ighid li din l-imsemmija decizjoni tat-Tribunal Industrijali tmur kontra l-**Artiklu 32(4) tal-Kap 266 tal-Ligijiet ta' Malta**. Dan l-artiklu jipprovdi illi *"It-Tribunal m'ghandux jaghti xi sentenza jew decizjoni li tkun kontra xi ligi miktub, jew xi att iehor li jkollu forza ta' ligi, li jirregola l-pagi u pattijiet u kundizzjonijiet ohra ta' mpjieg".* Skond l-attur, it-Tribunal ma segwiex il-procedura stabbilita fil-klawsola 28 (o) tal-ftehim kollettiv, u, inoltre' l-istess Tribunal naqas li jiehu hsieb jizgura li l-gustizzja ssir skond il-meriti tas-sustanza tal-kaz, skond l-artiklu 31(3) tal-Kap 266.

**(b) L-ECCEZZJONIJIET TAS-SOCJETA' KONVENUTA**

Illi min-naha l-ohra, is-socjeta' konvenuta qed issostni li l-azzjoni attrici mhijiex sostenibbli stante illi kif gie ribadit diversi drabi mill-Qrati ta' Malta, decizjonijiet tat-Tribunal ma humiex sindakabbli mill-Qrati hlief f'cirkostanzi specifici, liema cirkostanzi ma jinkorrux fil-kaz in kwistjoni. Infatti, l-istess socjeta' fid-dikjarazzjoni taghha kompliet illi l-attur qed jittanta illi jirrevedi decizjoni tat-Tribunal Industrijali liema tip ta' decizjoni ma hijiex rivedibbli minn din il-Qorti, hlief f'cirkostanzi partikolari.

L-istess socjeta' kompliet tghid li fuq generali, il-principji hu illi decizjonijiet tat-Tribunali Industrijali huma sindakabbli minn din il-Qorti biss jekk it-Tribunal ikun agixxa bi ksur ta' ligi espressa u / jew jekk agixxa bi ksur tan-normi tad-dritt naturali. Fil-kaz odjern, l-attur qed jippremetti illi t-Tribunal

mar kontra l-ligi bi ksur ta' l-Artiklu 32(4) tal-Kap 266 billi ta sentenza li kienet kontra att li ghandu forza ta' ligi jirregola l-pagi u pattijiet ohra ta' mpjieg, b'dan illi t-Tribunal ma tax effett ghall-obbligi, skond l-attur, li johorgu mill-klawsoli tal-Ftehim Kollettiv li jirrigwardaw il-procedura ta' dixxiplina. Is-socjeta' konvenuta ssostni li mid-dicitura tad-decizjoni, it-Tribunal, li hu l-arbitru finali tal-fatt, ikkonsidra l-procedura dixxiplinarja u stabilixxa illi fil-kaz in kwistjoni, tenut kont illi hemm ikkontemplat fil-Ftehim Kollettiv il-possibilita' ta' terminazzjoni sommarja ta' l-impjieg, il-Ftehim Kollettiv ma giex miksur.

B'hekk l-istess socjeta' ssostni li fil-kaz odjern it-Tribunal ma applikax jew applika hazin xi att b'forza ta' ligi, izda kien kaz fejn it-Tribunal interpreta l-att in kwistjoni u ddecieda, bhala parti mill-funzjoni esklussiva tieghu, u wasal ghall-konkluzjoni li l-konvenuti mxew *ai termini* tal-Ftehim Kollettiv.

Fl-ahharnett, rigward l-ahhar premessa ta' l-attur, liema premessa skond il-Bank mhijiex sostanzjata, ghaliex hu car illi kien hemm smiegh xieraq u attenzjoni shiha ghad-drittijiet kollha ta' l-attur, u l-fatt li t-Tribunal ta decizjoni li ma kienetx favur l-attur ma jfissirx illi kien hemm xi nuqqas ta' tharis tad-drittijiet tieghu jew li ma saritx il-gustizzja.

### (c) IL-POZIZZJONI LEGALI U GURIDIKA

Illi skond l-**Artikolu 28(1) tal-Kap 266**:-

*"Minkejja kulma jinstab f'kull ligi ohra, it-Tribunal Industrijali jkollu l-gurisdizzjoni esklussiva u jiddeciedi l-kazijiet kollha fejn jigi allegat li saret tkeccija ngusta ghal kull ghan barra minn procedura dwar reati …… u r-rimedju ta' haddiem hekk imkecci ghal ksur tad-dritt tieghu li ma jitkecciex b'mod ingust ikun biss billi l-ilment tieghu jintbaghat lit-Tribunal Industrijali u mhux xort' ohra".*

Illi fis-sentenza **"Sea Services Limited vs Paul Aquilina et"** (Cit. Nru. 539/00/RCP deciza fit-12 ta' Dicembru 2001) din il-Qorti kellha okkazjoni tistudja fil-fond il-kwistjoni odjerna, u ghalhekk issir referenza ghal dak li ntqal:

*Illi ghalhekk kif inghad fis-sentenza* ***"Joseph Micallef vs Stivala Distributers Limited"*** *(P.A. (RCP) 14 ta' Frar 2001) fi kwistjonijiet ta' tkeccija ngusta mill-impjieg, din il-Qorti ma ghandhiex gurisdizzjoni u ma tistax tissostitwixxi d-diskrezzjoni taghha ghal dak tat-Tribunal Industrijali, u dan aktar w aktar fid-dawl ta'* ***Artikolu 31*** *tal-istess* ***Kap 266****, fejn l-istess Tribunal ghandu fil-procedura tieghu jizgura li ssir "gustizzja skond il-mertu tas-sustanza tal-kaz u bla hsara tar-regoli tal-gustizzja naturali".*

*Illi ghalhekk fid-dawl tal-premess is-sentenza "****John Holland et noe vs Julian Schembri****" (A.C. 20 ta' Mejju 1991) stabbiliet il-gurisdizzjoni ta' dawn il-Qrati limitatament ghar-ragunijiet segwenti:*

*"Din il-Qorti ghandha gurisdizzjoni limitata ghal meta t-Tribunal Industrijali tmur 'ultra vires' u / jew meta ma tkunx assikurata li l-gustizzja ssir skond il-mertu tas-sustanza tal-kaz u li tkun saret bla hsara ghar-regoli tal-gustizzja naturali, u/jew meta t-Tribunal jaghti xi sentenza kontra xi ligi miktuba, jew xi att iehor li jkollu forza ta' ligi, li jirregola l-pagi u pattijiet u kondizzjonijiet ohra ta' impjieg."*

*Illi tal-istess portata hija s-sentenza "**Reno Alamango vs Mary Rose Ciantar**" (A.C. 29 ta' Mejju 1991) fejn inghad li dawn il-Qrati jistghu jissindikaw il-lodo tat-Tribunal Industrijali biss sabiex jaraw li l-istess Tribunal ma eccediex il-gurisdizzjoni tieghu, u sabiex jaraw li l-principju ta' gustizzja naturali gew segwiti fil-procedura taghhom u l-osservanza fl-istess lodo tad-disposizzjonijiet tal-**Artikolu 31 (3) u Artikolu 32 (4) tal-Kap 266.***

*Illi fis-sentenza "**Thomas Montalto vs il-Maggur Stanley J A Clews et**" (P.A.F. 26 ta' Mejju 1987- Vol LXXI.II.668) jinghad illi:*

*"Mis-suespost titnissel neccessarjament il-konkluzzjoni illi l-gurisidizzjoni tal-Qorti fir-rigward tat-Tribunal Industrijali hija dupplici. F'dawn iz-zewg vesti, il-Qorti ghandha gurisdizzjoni li tissindika t-Tribunal u li tara li dan jimxi skond il-ligi u josserva l-Kostituzzjoni ta' Malta. Il-Qorti ghandha d-dritt li tissindika, meta tkun hekk giet mitluba u adita li t-Tribunal jagixxi fil-limiti tal-Ligi illi in forza taghha huwa kkostitwit. Evidentement, u indubjament imbaghad,*

*il-Qorti ghandha s-setgha li tara li t-Tribunal bl-ebda mod ma kiser xi wiehed mid-drittijiet fondamentali tal-bniedem". (vide "**Salvina Borg D'Anastasi vs Jane Decesare et noe**" (P.A.F. 3 ta' April 1989 - Vol LXIII - III 753). '**Mario Vella Gatt noe vs Christopher Cassar**' (G.V. 24 ta' Marzu 1997 - Vol LXXXI - III).*

*Illi dawn il-principji kollha gew applikati fis-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet **"MIB Holding Limited vs Anthony Pace"** (P.A. RCP. 2 ta' Marzu 2000) fejn gie ribadit il-principju li "din il-Qorti ghandha gurisdizzjoni sabiex tissindika l-operat tat-Tribunal Industrijali, mhux bhala Qorti tal-Appell, izda sabiex taccerta ruhha li l-istess Tribunal Industrijali agixxa intra vires, skond il-principji tal-gustizzja naturali u ai termini tal-**Artikolu 31 (3) u 32 (4) tal-Kap 266.** Illi stabbilit il-premess, u stabbilit li dan huwa kaz dwar allegazzjoni ta' tkeccija ingusta, il-kompetenza ta' din il-Qorti tieqaf hawn, ghaliex skond l-**Artikolu 28 (1) tal-Kap 266,** l-istess Tribunal Industrijali ghandu gurisdizzjoni esklussiva dwar id-determinazzjoni tal-istess, kemm dwar fatt u kemm dwar il-ligi, liema gurisdizzjoni esklussiva tinkludi wkoll id-determinazzjoni stess ta' x'jikkonsisti "tkeccija ingusta" fit-termini tal-ligi".*

*Illi ghalhekk l-unika kompetenza li ghandhom dawn il-Qrati f'kazijiet ta' tkeccija ingusta huwa biss dak ta' judicial review kif gie stabbilit f'diversi sentenzi fosthom dik tal-Onorabbli Qorti tal-Appell tas-17 ta' Mejju 1993 fl-ismijiet **"Dottor Vincent Falzon nomine vs Isabelle Grima"** (Vol.*

*LXXVII. ii. 292) u **"Wilfred Privitera vs Anthony Bonello"** (11 ta' Frar 1993) fejn inghad illi ghalkemm Tribunal jew Bord jista' jinghata b'ligi il-gurisdizzjoni esklussiva sabiex jiddeciedi kazijiet specifici, bl-esklussjoni tal-Qrati ordinarji, l-istess Qrati ordinarji xorta huma kompetenti biex jissindakaw l-operat tal-istess Tribunal  u s-sentenzi tieghu "pero' limitatament ghal tlett kategoriji ta' difetti - (a) eccess ta' gurisdizzjoni, (b) non osservanza ta' l-istess ligi kostitwita - …… u finalment (c) non-osservanza ta' xi wiehed mill-principji fondamentali tal-gustizzja".*

*Illi tal-istess portata hija is-sentenza citata mill-attur fl-ismijiet **"Thomas Montalto vs Maggur Stanley J. A. Clews et"** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-26 ta' Mejju 1987 (Vol. LXXI. iii. 688); "**V. Galea vs Chairman tal-Kummissjoni dwar u s-Servizz Pubbliku"** (Qorti Kostituzzjonali 21 ta' Jannar 1985) u rigwardanti it-Tribunal Ghall Investigazzjoni tal-Ingustizzji s-sentenza fl-ismijiet **"Il-Kummissarju tal-Pulizija w il-Prim' Ministru vs Joseph Rizzo"** (P.A. RCP 3 ta' Ottubru 2000) b'dan li gie ribadit minn din il-Qorti li hija hekk limitata fil-gurisdizzjoni taghha, b'mod li tara li l-istess Tribunal ma agixxiex ultra vires u li gew osservati l-principji tal-gustizzja naturali, u bl-ebda mod ma ghandu fil-kwistjoni li giet ex lege mhollija fil-kompetenza esklussiva tal-istess Tribunal, b'dan ghalhekk li l-ezercizzju li taghmel din il-Qorti certament ma huwiex wiehed ta' revizzjoni u zgur  mhux wiehed ta' Qorti ta' Appell, b'mod li m'ghandha qatt tissostitwixxi d-diskrezzjoni taghha ghal dik tal-istess Tribunal.*

Fis-sentenza recenti tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Avukat Dottor Carmel Chircop vs Awtorita' Marittima ta' Malta** (5/10/2001), il-Qorti spjegat it-tifsira tat-terminu *"ghal kull ghan"* fis-**subinciz 1 ta' l-Art. 28 tal-Kap 26**. Din il-Qorti qalet hekk:

*"It-terminu 'ghal kull ghan' fit-test Ingliz hu tradott bil-kliem 'for all purposes'. Termini dawn li huma nkluzivi u jestendu ghal kull xorta ta' tkeccija ngusta tkun xi tkun ir-raguni, kemm jekk hi tkeccija ritenuta ngusta minhabba l-mod procedurali kif ittiehdet u giet ezegwita minn min ihaddem, kemm jekk il-kontestazzjoni dwarha kienet fuq il-mertu tac-cirkostanzi li, skond min ihaddem, kienu jiggustifikaw it-tkeccija. Kull xorta ta' azzjoni dwar tkeccija ngusta allura, kollox inkluz u xejn eskluz, kienet taqa' taht il-kompetenza esklussiva tat-Tribunal Industrijali sakemm ikun jaqa' fid-definizzjoni ta' 'tkeccija ngusta' kif definita fis-subinciz 2 tal-Kap. 266. Kompetenza esklussiva li naturalment testendi biss fil-limiti tal-konsiderazzjoni u decizjoni dwar jekk tkunx saret jew le tkeccija ngusta, kif dispost fis-**subinciz 1 fl-Art. 28**. Subinciz li jkompli jiddisponi illi "Ir-rimedju ta' haddiem hekk imkecci, (ingustament) ghall-ksur ta' dritt tieghu li ma jitkeccix b'mod ingust, ikun biss illi l-ilment tieghu jintbaghad lit-Tribunal Industrijali u mhux xort' ohra. Il-ligi ghalhekk mhux biss tinvesti t-Tribunal Industrijali b'gurisdizzjoni esklussiva biex titratta kazijiet ta' tkeccija ngusta ta' liema xorta jkunu, imma wkoll tillimita d-dritt ta' azzjoni tal-haddiem biex jitlob rimedju billi jagixxi quddiem*

*dak it-Tribunal u teskludih minn kull dritt ta' azzjoni quddiem il-Qrati ordinarji. Dan dejjem pero' fil-limiti mposti fl-istess Kap. 266 u bil-limitazzjoni kif kunsidrat fis-sentenza 'Joseph Sammut vs Francis Vassallo noe' ".*

Illi fil-vertenza odjerna, l-attur qed jallega li huwa tkecca ngustament u li l-Bank attur ma segwiex il-procedura kif stabbilita fil-Ftehim Kollettiv. Illi a bazi ta' dak li ntqal aktar 'il fuq irrizulta li din il-Qorti ghandha gurisdizzjoni sabiex tissindika l-operat tat-Tribunal Industrijali, mhux bhal Qorti ta' l-Appell, izda sabiex taccerta ruhha li l-istess Tribunal Industrijali agixxa *intra vires*, skond il-principji ta' gustizzja naturali u *ai termini* tal-**Art. 31(3) u 32(4) tal-Kap. 266**.

Illi mis-sentenza tat-Tribunal Industrijali tal-14 ta' Novembru 2000 (Dok. MM4 a fol. 16 tal-process) jirrizulta li t-tribunal dahal f'dak kollu li qed jallega l-attur fil-kawza odjerna. Ic-cirkostanzi kollha tal-kaz gew ezaminati mill-istess tribunal li wasal ghall-konkluzjoni segwenti:
*"Ghalhekk it-Tribunal ihoss li t-tkeccija ma kinitx kontra l-ligi u ma kienx il-kaz li wara decizjoni tal-Qorti Kriminali jergghu jibdew il-proceduri skond il-Ftehim Kollettiv".* Illi rrizulta mill-istess sentenza li t-Tribunal Industrijali, ghalhekk ezamina l-istess ftehim kollettiv, u jekk dan segwiex il-procedura kif imiss, u kif kien jispetta lilu, wasal ghall-konkluzjoni li l-Bank konvenut segwa l-procedura.

Illi stabbilit il-premess, u stabbilit li dan hu kaz dwar allegazzjoni ta' tkeccija ngusta, il-kompetenza ta' din il-

Qorti tieqaf hawn, ghaliex skond l-**Art. 28(1) tal-Kap. 266**, l-istess Tribunal ghandu gurisdizzjoni esklussiva dwar id-determinazzjoni tal-istess, kemm dwar fatt u kemm dwar ligi, liema gurisdizzjoni esklussiva wkoll id-determinazzjoni stess ta' x'jikkonsisti 'tkeccija ngusta' fit-termini tal-ligi.

Illi dan it-Tribunal Industrijali jidher li ghamlu skond il-ligi entro il-parametri tal-Art. 2 u Art. 28 tal-Kap. 16 u ghalhekk l-istess Tribunal agixxa *intra vires*.  Inoltre' ghalkemm gie allegat li l-istess Tribunal naqas li jiehu hsieb jizgura li l-gustizzja ssir skond il-meriti tas-sustanza tal-kaz ma ngabu l-ebda provi dwar dan min-naha tal-attur, u ma rrizultax ghalhekk li tali allegazzjoni giet pruvata.

Illi rigward dak li qed isostni l-attur cjoe' li l-*award* tat-Tribunal Industrijali tmur kontra l-ligi bi ksur tal-Artiklu 32(4) tal-Kap. 266 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi li t-tribunal ma ghandux jaghti xi sentenza jew decizjoni li tkun kontra xi ligi miktuba, jew xi att iehor (*instrument* fit-test Ingliz) li jkollu forza ta' ligi, li jirregola l-pagi u pattijiet u kundizzjonijiet ohra ta' mpjieg, issir referenza ghas-sentenza aktar 'il fuq citata fl-ismijiet **"Avukat Dottor Carmel Chircop vs Awtorita' Marittima ta' Malta"**.  Kif diga' inghad, huwa fil-kompetenza tat-Tribunal li jezamina jekk il-procedura fil-Ftehim Kollettiv gietx segwita jew le.  F'dan il-kaz irrizulta li t-Tribunal hekk ghamel u b'hekk zgur ma jistax jinghad li l-*award* moghtija minnu b'xi mod marret kontra l-istess ftehim kollettiv li ghandu forza ta' ligi bejn il-partijiet in kwistjoni.

Illi ghalhekk it-talba attrici, li giet ifformata qisu qed isir appell mid-decizjoni tal-istess Tribunal Industrijali, ghandhu jigu michuda.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta l-H.S.B.C. Bank Malta p.l.c., **tichad it-talba attrici** bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Bl-ispejjez kontra l-attur.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**14 ta' Marzu, 2002**

**Mario Debono**
**Deputat Registratur.**
**14 ta' Marzu, 2002**